*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,790, 11 ta' Mejju, 1999*
*Taqsima B*

A.L. 79 ta' l-1999

# ATT DWAR IL-KONTROLL FUQ IL-KWALITÀ (ESPORTAZZJONIJIET, IMPORTAZZJONIJIET U OĠĠETTI LOKALI). (KAP. 225)

## Ordni ta' l-1999 dwar Ġamm tal-Frott, *Jelly*, Marmellati u Purea Ħelwa tal-Qastan (Ordni Nru. 41 ta' l-1999)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kwalità (Esportazzjonijiet, Importazzjonijiet u Oġġetti Lokali), l-Awtorità ta' Malta għall-Għemil ta' *Standards* għamlet dan l-ordni li ġej:—

Isem u bidu is-seħħ.

**1.1** Dan l-ordni jista' jissejjaħ Ordni ta' l-1999 dwar Ġamm tal-Frott, *Jelly*, Marmellati u Purea Ħelwa tal-Qastan, u jista' jissejjaħ Ordni Nru. M 41 ta' l-1999.

**1.2** Dan l-Ordni għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju, 1999, liema data tiġi avżata mill-Awtorità fil-Gazzetta.

Applikabilità.

**2.1** Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal:

- ġamm *extra*;
- ġamm;
- *extra jelly*;
- *jelly*;
- marmellata;
- purea tal-qastan ħelwa;

kif imfissra fil-paragrafu 3.1 ta' dan l-Ordni.

**2.2** Dan l-Ordni Mandatorju ma japplikax għal prodotti oħra li, skond id-drawwa, jissejħu wkoll *"jelly"* imma li ma jistgħux jitħawwdu ma' dawk imfissra fil-paragrafi 3.1.3. u 3.1.4.

**2.3.** Dan l-Ordni Mandatorju ma japplikax għal prodotti esklużivament intiżi għall-esportazzjoni.

**2.4** Dan l-Ordni Mandatorju għandu japplika bla preġudizzju għal provvedimenti oħra rigward prodotti tad-dieta.

**2.5** Dan l-Ordni Mandatorju ma japplikax għal prodotti intiżi għall-manifattura ta' ikel fin maħdum mill-furnara, ikel magħmul mill-għaġina u gallettini u lanqas għal preparamenti ta' frott intiżi biex jintużaw fi prodotti tal-ħalib.

Tifsir.

**3.1** Għall-iskop ta' dan l-Ordni, għandhom japplikaw dawn it-tifsiriet:

**3.1.1** *Ġamm extra*:

taħlita, mwassla għal konsistenza glatnuża adattata, ta' aġenti dolċifikanti u l-polpa ta':

- xorta waħda ta' frott, jew
- żewġ xorta jew aktar ta' frott, eskluż it-tuffieħ, lanġas, għanbaqar bl-għadma, bettieħ, dulliegħ, għeneb, qara' aħmar, ħjar u tadam.

Il-kwantità ta' polpa tal-frott użata fil-manifattura ta' 1000 g ta' prodott lest m'għandhiex tkun anqas minn:

- 450 g bħala regola ġenerali,
- 350 g fil-każ ta' tut, *rosehips*, sfraġel,
- 250 g fil-każ ta' ġinġer,
- 230 g fil-każ ta' *cashew apples*,
- 80 g fil-każ ta' *passion fruit*.

Ġamm *extra rosehip* jista' jittieħed kollu kemm hu jew f'parti minnu minn purea *rosehip*.

Il-prodott lest għandu jkollu mill-inqas 60% solidi solubbli kif jiġi stabbilit minn refrattometru f'temperatura ta' 20° C.

**3.1.2** *Ġamm*:

taħlita, mwassla għal konsistenza glatnuża adattata, ta' aġenti dolċifikanti u l-polpa u/jew purea ta':

- xorta waħda ta' frott, jew
- żewġ xorta jew aktar ta' frott.

Il-kwantità ta' polpa tal-frott u/jew purea użata fil-manifattura ta' 1000 g ta' prodott lest m'għandhiex tkun anqas minn:

- 350 g bħala regola ġenerali,
- 250 g fil-każ ta' tut, *rosehips*, sfraġel,
- 150 g fil-każ ta' ġinġer,
- 160 g fil-każ ta' *cashew apples*,
- 60 g fil-każ ta' *passion fruit*.

Il-prodott lest għandu jkollu mill-inqas 60% solidi solubbli kif jiġi stabbilit minn refrattometru f'temperatura ta' 20° C.

**3.1.3** *Extra jelly*:

taħlita glatnuża kif dovut ta' aġenti dolċifikanti u l-meraq u/jew estratti likwidi ta':

- xorta waħda ta' frott, jew
- żewġ xorta jew aktar ta' frott, eskluż it-tuffieħ, lanġas, għanbaqar bl-għadma, bettieħ, dulliegħ, għeneb, qara' aħmar, ħjar u tadam.

Il-kwantità ta' meraq u estratti likwidi użati fil-manifattura ta' 1000 g ta' prodott lest m'għandhiex tkun inqas minn:

- 450 g bħala regola ġenerali,
- 350 g fil-kaħ ta' tut, *rosehips*, sfraġel,
- 250 g fil-kaħ ta' ġinġer,
- 230 g fil-każ ta' *cashew apples*,
- 80 g fil-każ ta' *passion fruit*.

Dawn il-kwantitajiet għandhom jiġu kalkulati wara li jitnaqqas il-piż ta' ilma użat fil-preparazzjoni ta' l-estratti likwidi.

Il-prodott lest għandu jkollu mill-inqas 60% solidi solubbli kif jiġi stabbilit minn refrattometru f'temperatura ta' 20° C.

**3.1.4** *Jelly*:

taħlita glatnuża kif xieraq ta' aġenti dolċifikanti u l-meraq u/jew estratti likwidi ta':

- xorta waħda ta' frott, jew
- żewġ xorta jew aktar ta' frott.

Il-kwantità ta' meraq u/jew estratti likwidi uħati fil-manifattura ta' 1000 g ta' prodott lest m'għandhiex tkun inqas minn:

- 350 g bħala regola ġenerali,
- 250 g fil-każ ta' tut, *rosehips*, sfraġel,
- 150 g fil-każ ta' ġinġer,
- 160 g fil-każ ta' *cashew apples,*
- 60 g fil-każ ta' *passion fruit.*

Dawn il-kwantitajiet għandhom jiġu kalkulati wara li jitnaqqas il-piż ta' ilma użat fil-preparazzjoni ta' l-estratti likwidi.

Il-prodott lest għandu jkollu mill-inqas 60% solidi solubbli kif jiġi stabbilit minn refrattometru f'temperatura ta' 20° C.

**3.1.5** *Marmellata*:

taħlita, magħmula b'konsistenza glatnuża adatta, ta' aġenti dolċifikanti u wieħed jew aktar mill-prodotti li ġejjin miksuba minn frott taċ-ċitru: polpa, purea, meraq, estratti likwidi u pelat.

Il-kwantità ta' frottijiet taċ-ċitru użati fil-preparazzjoni ta' 1000 g ta' prodott lest m'għandhiex tkun inqas minn 200 g li minnhom 75 g jew aktar għandhom jittieħdu mill-endokarpu.

Il-prodott lest għandu jkollu mill-inqas 60% solidi solubbli kif jiġi stabbilit minn refrattometru f'temperatura ta' 20° C.

**3.1.6** *Purea tal-qastan ħelwa*:

taħlita magħmula b'konsistenza adatta, ta' aġenti dolċifikanti u qastan magħmul purea.

Il-kwantità ta' qastan magħmul purea użat fil-manifattura ta' 1000 g ta' prodott lest m'għandhiex tkun inqas minn 380 g.

**3.1.7** *Ġamm b'doża ridotta ta' zokkor*:

ġamm li jkun fih mill-inqas 30% u l-aktar 55% solidi solubbili, kif jiġi stabbilit minn refrattometru f'temperatura ta' $20^0$ C.

**3.1.8** *Jelly b'doża ridotta ta' zokkor*:

*jelly* li jkun fih mill-inqas 30% u l-aktar 55% solidi solubbili, kif jiġi stabbilit minn refrattometru f'temperatura ta' $20^0$ C.

**3.1.9** *Marmellata b'doża ridotta ta' zokkor*:

marmellata li jkun fiha mill-inqas 30% u l-aktar 55% solidi solubbili, kif jiġi stabbilit minn refrattometru f'temperatura ta' $20^0$ C.

**3.1.10** Fil-każ ta' taħlitiet, l-inqas kontenut ta' xi frott kif stabbilit fil-paragrafi 3.1.1 sa 3.1.9 għandu jitnaqqas fi proporzjon skond il-perċentwali ta' dak il-frott użat.

Prodotti għad-dijabetiċi.

**3.2.** Il-ħtiġiet dwar il-kontenut ta' solidi solubbli fil-prodott lest fil-każ ta' ġamm *extra*, ġamm, *extra jelly*, *jelly*, marmellata u purea tal-qastan ħelwa ma japplikawx fil-każ ta' prodotti speċjali maħdumin biex jaqblu mal-ħtiġiet nutrittivi partikolari tad-dijabetiċi u li t-tikketta tagħhom turi ċar li jkunu intużi għad-dijabetiċi.

Bejgħ u tikketti.

**4.1.** Ħadd ma jista' jbigħ jew jimporta ġewwa Malta ġamm *extra*, ġamm, *extra jelly*, *jelly*, marmellata jew purea tal-qastan ħelwa li ma jikkonformawx mat-tifsiriet u r-regoli stabbiliti b'dan l-Ordni Mandatorju.

**4.2.** L-ismijiet imniżżlin fil-paragrafu 3.1 għandhom jintużaw biss biex juru l-prodotti imfissra fihom, iżda l-ġamm *extra* jista' jkun imsemmi bħala ġamm u l-*extra jelly* jista' jkun imsemmi bħala *jelly*.

**4.3.** L-isem li bih prodott imfisser fil-paragrafu 3.1 jinbiegħ għandu jkun l-istess bħal dak użat f'paragrafu 3.1.

**4.3.1.** L-isem għandu jkun supplementat minn:

■ indikazzjoni ta' kull xorta ta' frott użat f'ordni ta' importanza nieżla skond il-piż ta' kemm materjal grezz ikun intuża. Iżda, fil-każ ta' prodotti maħdumin minn tliet xorta jew

aktar ta' frott, il-kliem 'frott imħallat' jew indikazzjoni ta' l-għadd ta' frottijiet użati jistgħu jieħdu post minflok indikazzjoni ta' kull xorta ta' frott użat.

■ indikazzjoni ta' l-ingredjenti mogħtijin f'paragrafu 2 tat-Tieni Skeda.

**4.4.** Meta l-berquq intiż għall-manifattura tal-ġamm ikun tnixxef bi proċess ieħor barra mit-tnixxif bl-iffriżar, il-kliem 'berquq imnixxef' għandu jidher fil-lista ta' ingredjenti.

**4.5.** Meta meraq tal-pitravi ħamra jkun żdied ma' ġamm u *jelly* meħudin minn waħda jew aktar minn dawn li ġejjin: frawli, *raspberries, gooseberries*, passolina ħamra jew għanbaqar, il-kliem 'meraq tal-pitravi ħamra biex iqawwi l-lewn' għandhom jidhru fil-lista ta' ingredjenti.

A.L. 65 ta l-1992.

**4.6.** Bla preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-1992 dwar it-Tikkettjar u l-Preżentazzjoni ta' Ħwejjeġ ta' l-Ikel, it-tikketti mal-prodotti msemmija f'paragrafu 3.1 għandu jkollhom ukoll din l-informazzjoni obbligatorja:

**4.6.1.** il-kliem 'ippreparat b'... g frott kull 100 g', b'dan li ċ-ċifra mogħtija għandha tirrappreżenta l-kwantità fi grammi ta' frott li minnu nkisbu l-polpa tal-frott, purea tal-frott, meraq tal-frott, pelat tal-frott u estratt likwidu ta' frott użati għal kull 100 g ta' prodott lest;

**4.6.2.** il-kliem 'kontenut totali ta' zokkor: ... g kull 100 g', b'dan li ċ-ċifra mogħtija għandha tirrappreżenta l-valur stabbilit minn refrattometru f'temperatura ta' 20° C għall-prodott lest, soġġett għat-tolleranza ta' ± 3 gradi refrattometriċi, iżda din il-ħtieġa ma tapplikax għal ikel maħdum għad-dijabetiċi meta t-tikketta tkun tindika ċar li jkun intiż għad-dijabetiċi;

**4.6.3.** għal prodotti li jkollhom kontenut ta' materja niexfa solubbli li tkun inqas minn 63% il-kliem 'żomm f'post kiesaħ meta miftuħ'; iżda din l-indikazzjoni m'għandhiex tkun obbligatorja fil-każ ta' prodotti f'kontenituri żgħar, li l-kontenut tagħhom normalment jittiekel f'darba u għal prodotti li jkunu żdidulhom preservattivi;

**4.6.4.** fil-każ tal-marmellata, kif imfissra f'paragrafu 3.1.5:

■ li fiha l-pelat, indikazzjoni tal-mod tal-qatgħa ta' dak il-pelat,

■ li ma jkunx fiha pelat, indikazzjoni tan-nuqqas ta' pelat.

**4.7.** Id-dettalji msemmija f'paragrafu 4.6 għandhom jidhru fl-istess spazju viżiv bħal isem l-ikel, l-indikazzjoni tal-kwantità netta, meta din tkun meħtieġa, u l-indikazzjoni għal kemm żmien il-prodott jibqa' tajjeb, jekk dan ukoll ikun meħtieġ.

**4.8.** Iż-żjieda ta' aċidu L-askorbiku ma tawtorizzax li ssir referenza għall-vitamina C.

**4.9.** Il-frażi 'marmellata *jelly*' tista' tintuża għal marmellata li ma jkun fiha ebda materja insolubbli ħlief kwantità żgħira ta' pelat imqatta' flieli rqaq ħafna.

**4.10.** L-ismijiet 'kunserva' u 'priserv' ma jistgħux jintużaw fit-tikketti u r-riklami ta' ikel sakemm l-ikel ma jkunx ġamm jew ġamm *extra*.

**4.11.** Meta ġamm, *jelly*, marmellata jew prodotti b'doża ridotta ta' zokkor li jaqgħu taħt l-iskop ta' dan l-Ordni Mandatorju jkollhom kontenut residwu ta' diossidu tal-kubrit li jaqbeż it-30 mg/kg, il-kontenut residwu għandu jkun iddikjarat fil-lista ta' l-ingredjenti, b'żjieda ma' l-identifikazzjoni meħtieġa skond ir-Regolamenti ta' l-1992 dwar it-Tikkettjar u l-Preżentazzjoni ta' Ħwejjeġ ta' l-Ikel, bħala perċentwali skond il-piż tar-residwu fil-prodott bħala 'diossidu tal-kubrit'.

**4.12.** Bla preġudizzju għal paragrafu 2.2, l-ismijiet imniżżlin taħt paragrafu 3.1 ma jistgħux jintużaw fit-tikkettjar jew fir-reklamar ta' ikel ieħor b'mod li jissuġġerixxu, jew espressament jew b'implikazzjoni, li l-ikel imsemmi jkun ingredjent ta' l-ikel l-ieħor sakemm dan ma jkunx ikel li jkun jaqbel mal-ħtiġiet dwar kompożizzjoni ta' dan l-Ordni Mandatorju.

**5.1** Huma dawk il-materjali grezzi li jikkorrispondu għat- Manifattura.
tifsiriet mogħtija fl-Ewwel Skeda biss li jistgħu jintużaw fil-manifattura tal-prodotti imfissra f'paragrafu 3.1.

**5.2** Bla preġudizzju għall-provvedimenti speċifiċi dwar addittivi, huma biss dawk is-sustanzi mniżżlin fit-Tieni Skeda li jistgħu jiżdiedu, u biss skond il-mod preskritt fiha, mal-prodotti mfissra f'paragrafu 3.1.

**5.3** Prodotti mfissra f'paragrafu 3.1 ma jistax ikollhom xi sustanza fi kwantità tali li tipperikola s-saħħa tal-bniedem.

## L-EWWEL SKEDA

## A. MATERJALI GREZZI – TIFSIRIET

1. Frott:

■ frisk, tajjeb għall-ikel, mingħajr taħsir, li jkun fih il-kostitwenti essenzjali tiegħu kollha u misjur biżżejjed biex jintuża fil-manifattura tal-prodotti kif imfissra f'paragrafu 3.1, wara t-tindif, it-tneħħija ta' marki, il-qtugħ ta' fuq u taħt,

■ għall-iskopijiet ta' dan l-Ordni, tadam, il-partijiet li jittieklu ta' zkuk tar-rubarbru, karotti u patata ħelwa jitqiesu li huma frott,

■ il-frażi 'qastan' tfisser il-frotta tas-siġra tal-qastan ħelu (*Castanea sativa*),

■ 'ġinġer' tfisser l-għerq li jista' jittiekel tal-pjanta tal-ġinġer.

2. Polpa tal-frott (polpa):

il-parti li tista' tittiekel tal-frotta sħiħa — jekk hekk ikun il-każ, mingħajr il-pelat, il-qoxra ta' barra, żrieragħ ta' kull xorta u ħwejjeġ ta' dix-xorta — li tista' tkun tqattgħet flieli jew ingħasret imma li ma tkunx inġiebet fi stat ta' purea.

3. Purea tal-frott (purea):

il-parti li tista' tittiekel tal-frotta sħiħa — mingħajr il-pelat, il-qoxra ta' barra, żrieragħ ta' kull xorta u ħwejjeġ ta' dix-xorta — li tista' tkun inġiebet fi stat ta' purea billi tingħadda minn passatur jew minn xi proċess simili.

4. Meraq tal-frott (meraq):

meraq tal-frott, meraq tal-frott konċentrat u meraq tal-frott bl-ilma mneħħi minnu f'konformità mal-ħtiġiet ta' l-Ordni Mandatorju rigward meraq tal-frott u prodotti simili.

5. Estratti fl-ilma tal-frott (estratti fl-ilma):

l-estratti fl-ilma tal-frott li, minħabba fit-telf li neċessarjament ikun hemm fi proċess tajjeb ta' manifattura, jkun fihom il-kostitwenti solubbli fl-ilma kollha tal-frott użat.

5a. Pelat taċ-ċitru (pelat):

il-pelat ta' frott taċ-ċitru, mnaddaf, bl-endokarp jew mingħarju.

6. Aġenti dolċifikanti:

liema jkun minn dawn li ġejjin:

- zokkor mhux raffinat,
- zokkor (zokkor abjad),
- zokkor raffinat ħafna,
- soluzzjoni taz-zokkor,
- soluzzjoni taz-zokkor invertita,
- ġulepp taz-zokkor invertit,
- *dextrose* monoidrat,
- *dextrose* anidriju,
- ġulepp tal-glukosju,
- ġulepp tal-glukosju niexef,
- *fructose*,
- zokkor ismar,
- melassa tal-kannamieli,
- għasel,
- dolċifikanti li huma permessi li jintużaw fi prodotti b'enerġija ridotta jew prodotti li ma jkunx żdidilhom zokkor,
- is-soluzzjoni likwida ta' *sucrose* li jkollha l-karatteristiċi li ġejjin:

| | |
|---|---|
| (a) materja niexfa: | mhux inqas minn 62% skond il-piż; |
| (b) kontenut ta' zokkor invertit (fi proporzjon ta' *fructose* ma' *dextrose*: 1.0 ± 0.2): | mhux aktar minn 3% skond il-piż ta' materja niexfa; |
| (ċ) rmied konduttiv: | mhux aktar minn 3% skond il-piż ta' materja niexfa; |
| (d) kulur fis-soluzzjoni: | mhux aktar minn 75 *unit* ICUMSA; |
| (e) kontenut ta' residwu ta' diossidu tal-kubrit: | mhux aktar minn 15mg/kg ta' materja niexfa. |

## B. MATERJALI GREZZI – TRATTAMENT AWTORIZZAT

1a. Il-prodotti mfissra f'paragrafi A1, A2, A3, A5 u A5a ta' din l-iskeda jistgħu jiġu ttrattati f'kull każ b'dawn il-modi:

- tisħin, tkessiħ jew iffriżar,
- tnixxif bl-iffriżar,
- ikkonċentrar, safejn dan ikun teknikament possibbli.

1b. Jekk il-prodotti msemmija hawn aktar qabel huma intiżi għall-manifattura ta' prodotti mfissra f'paragrafi 3.1.2, 3.1.4 u 3.1.5 ta' dan l-Ordni Mandatorju, jistgħu jiżdidulhom ukoll jew diossidu tal-kubrit (E 220) jew l-imlielaħ tiegħu E 221, E 222, E 223, E 224, E 226 u E 227.

2. Il-ġinġer jista' jkun imnixxef jew priservat f'ġulepp.

3. Il-berquq għall-manifattura tal-ġamm jista' jkun trattat ukoll bi proċessi ta' tneħħija ta' ilma oħra barra milli bit-tnixxif bl-iffriżar.

4. Il-qastan jista' jitħalla għal ftit ħin jixxarrab f'soluzzjoni likwida ta' diossidu tal-kubrit jew tal-imlielaħ tiegħu E 221, E 222, E 223, E 224, E 226 u E 227.

5a. Il-meraq tal-frott jista' wkoll jingħata kull trattament li hemm povdut dwaru fl-Ordni ta' l-1998 dwar Meraq tal-Frott u Prodotti Simili (A.L. 242 ta' l-1998).

5b. Il-meraq tal-frott jista' jingħata wkoll it-trattament li hemm provdut dwaru f'paragrafu 1b tat-Taqsima B ta' l-Ewwel Skeda, meta dan ikun maħsub biex jintuża fil-manifattura tal-*jelly* u tal-marmellata.

5. Pelat taċ-ċitri jista' jkun priservat fis-salmura.

## IT-TIENI SKEDA

**Sustanzi li jistgħu jiżdiedu mal-prodotti mfissra f'paragrafu 3.1 ta' l-Ordni Mandatorju**

INGREDJENTI, HWAWAR U SUSTANZI AROMATIĊI LI JISTGHU JITTIEKLU

1. Ingredjenti li m'hemmx għalfejn ikunu speċifikati fid-deskrizzjoni tal-bejgħ tal-prodotti lesti.

| *Isem* | *Kondizzjonijiet għall-użu* |
|---|---|
| – Ilma tajjeb għall-manifattura ta' l-ikel | Fil-prodotti kollha definiti f'paragrafu 3.1 |
| – Meraq tal-frott | F'ġamm u ġamm b'doża ridotta ta' zokkor (kif imfisser f'paragrafu 3.1) |
| – Meraq ta' frott aħmar | F'ġamm *extra*, ġamm jew *jelly* b'doża ridotta ta' zokkor meta jkunu nkisbu minn frotta waħda jew aktar minn dan li ġej: *rosehips*, frawli, *raspberries*, *gooseberries*, passolina ħamra u għanbaqar |
| – Meraq ta' pitravi ħamra | F'ġamm *extra*, ġamm jew *jelly* b'doża ridotta ta' zokkor meta jkunu ttieħdu minn waħda jew aktar minn dawn l-ispeċi biss: frawli, *raspberries, gooseberries*, passolina ħamra u għanbaqar |
| – Żjut essenzjali ta' frott taċ-ċitru | Fil-marmellata (paragrafu 3.1.5) |
| – Żjut u xaħmijiet li jistgħu jittieklu | Bħala aġenti kontra l-produzzjoni ta' raġwa fil-prodotti kollha mfissra fil-paragrafu 3.1 |
| – Pektin likwidu (prodotti li fihom il-pektin u li jinkisbu mill-polpa tat-tuffieħ imnixxef jew mill-pelat imnixxef ta' frottijiet taċ-ċitru jew minn taħlita tat-tnejn, bl-azzjoni ta' aċidu dilwit segwita b'newtralizzazzjoni parzjali b'imlieħ tas-sodju jew tal-potassju) | Fil-prodotti kollha mfissra f'paragrafu 3.1 |

2. Ingredjenti li għandhom ikunu speċifikati fid-deskrizzjoni tal-bejgħ tal-prodotti lesti.

| *Isem* | *Kondizzjonijiet għall-użu* |
|---|---|
| (a) Ingredjenti li jistgħu jittieklu fi kwantitajiet biżżejjed biex jimmodifikaw it-togħma: | |
| – Meraq ta' frott taċ-ċitru fi prodotti miksubin minn xorta ta' frott ieħor | Fil-ġamm *extra* u fil-ġamm (paragrafi 3.1.1, 3.1.2) |
| – Spirti | Fil-prodotti kollha mfissra f'paragrafu 3.1 |
| – Nbejjed u nbejjed likuri | Fil-prodotti kollha mfissra f'paragrafu 3.1 |
| – Ġewż, ġellewż, lewż | Fil-prodotti kollha mfissra f'paragrafu 3.1 |
| – Għasel | Fil-prodotti kollha mfissra f'paragrafu 3.1 |
| – Ħxejjex aromatiċi | Fil-prodotti kollha mfissra f'paragrafu 3.1 |
| – Ħwawar pikkanti | Fil-prodotti kollha mfissra f'paragrafu 3.1 |
| (b) Pelat taċ-ċitru | Fil-ġamm *extra,* ġamm, *extra jelly* u *jelly* meta jsiru biss mill-isfarġel |
| – Weraq tal-*Pelargonium odoratissimum* | Fil-ġamm *extra* , ġamm, *extra jelly* u *jelly* meta jsiru biss mill-isfarġel |
| (ċ) Vanilla | Fil-ġamm *extra* , ġamm, *extra jelly* u *jelly* meta jsiru biss mit-tuffieħ, *rosehips* jew sfarġel; purea tal-qastan ħelwa |
| – Estratt tal-vanilla | Fil-ġamm *extra*, ġamm, *extra jelly* u *jelly* meta jsiru biss mit-tuffieħ, *rosehips* jew sfarġel; purea tal-qastan ħelwa |
| – Vanillin | Fil-ġamm *extra*, ġamm, *extra jelly* u *jelly* meta jsiru biss mit-tuffieħ, *rosehips* jew sfarġel; purea tal-qastan ħelwa |
| – Ethyl Vanillin | Fil-ġamm *extra*, ġamm, *extra jelly* u *jelly* meta jsiru biss mit-tuffieħ, *rosehips* jew sfarġel; purea tal-qastan ħelwa. |